

32003R0244

L 33/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.2.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 244/2003  
tas-7 ta' Frar 2003**

**li jemenda għal ġdax-il darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-networks ta' l-Al-Qaida u t-Taliban, u li jirrevoka Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti lejn ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-networks ta' l-Al-Qaida u t-Taliban, u jirrevoka Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jiprojbixxu l-esportazzjoni ta' ċertu merkanzija u servizzi lejn l-Afghanistan, isaħħu l-projbizzjoni tat-titjir u jest-tendu t-twaqqif tal-fondi u riżorsi finanzjarji oħra fir-rigward tat-Taliban ta' l-Afghanistan<sup>(1)</sup>, kif emendant i-l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 215/2003<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1), l-ewwel inċiż, tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li fuqhom huwa impost it-twaqqif tal-fondi u riżorsi ekonomiċi skond ir-Regolament.

- (2) Fit-3 ta' Frar 2003, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet iddeċieda li jemenda l-elenku tal-persuni, l-gruppi u l-entitajiet fir-rigward ta' min japplika t-twaqqif tal-fondi u riżorsi ekonomiċi, u għalhekk, l-Anness I għandu jkun emendant.
- (3) Biex ikun assigurat illi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatamente,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I ma' Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa hawnhekk emendant skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Frar 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Christopher PATTEN

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, tad-29.5.2002, p. 9.

<sup>(2)</sup> ĠU L 28, ta' l-4.2.2003, p. 41.

## ANNESS

L-Anness I ma' Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

Il-persuna ġuridika li ġejja għanda tiġi miżjuda taħt l-intestatura “Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet”:

Lashkar i Jhangvi

---